

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ Nru COMP/M.4694 — RCI Banque/RFS)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 121/05)

1. Fl-24.5.2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża RCI Banque ("RCI" Franza), takkwista, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll ta' l-impriżi kollha RFS Limited ("RFS" Renju Unit) permezz tax-xiri ta' ishma. RCI bħalissa għandha kontroll konġunt ta' l-RFS.

2. L-attivitajiet tan-negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

- għal RCI: finanzjament u servizzi tal-karozzi għall-konsumaturi finali u għall-aġenti tal-karozzi Renault, Nissan u Dacia f'diversi Stati Membri, inkluż ir-Renju Unit;
- għal RFS: finanzjament u servizzi tal-karozzi għall-konsumaturi finali u l-aġent tal-karozzi Renault fir-Renju Unit biss.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skond il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi interessati biex jissottomettulha l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn l-osservazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax ((32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.4694 — RCI Banque/RFS, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
J-70  
B-1049 Bruxelles/Brussel

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.